**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta’ Gunju, 2018

Rikors Guramentat numru : 131/17 AL

**A B**

**vs**

**C D**
**f’isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri N u W D,**
**u,**
**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti kellu relazzjoni twila mal-intimata Marija D u fit-3 ta` Novembru tas-sena 2016 gewwa l-Isptar Mater Dei twieldu tewmin, u cjoe N u W D, hekk kif jidher mic-certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A1 u Dok. A2 rispettivament;

2. Illi l-intimata, ghal ragunijiet li taf hi biss, irrifjutat li tirregistra t-tewmin bhala ulied ir-rikorrenti, u minflok ghazlet li tewmin jigu rregistrati bhala ulied ta` missier mhux maghruf;

3. Illi  m’hemm l-ebda dubju li missier it-tewmin huwa r-rikorrent A B. Ghalkemm s’issa ghandhom ma sarux t-testijiet tad-DNA li jikkonfermaw il-paternita` tieghu, ir-rikorrent (li kien prezenti ghat-twelid ta` uliedu u li ghex maghhom ghal erba` (4) xhur wara t-twelid, u dan sakemm ir-relazzjoni tal-partijiet tkissret) huwa cert li c-certifikat tat-twelid tal-minuri N D u W D m’humiex veritiera u huma ghal kollox skorretti;

4. Illi fid-9 ta` Mejju 2017 r-rikorrenti ntavola ittra ufficjali (59/2017) fejn informa lill-intimata li huwa jixtieq jaghraf lill-imsemmija tewmin bhala l-ulied naturali tieghu u li kien bi hsiebu japplika ghar-registrazzjoni ta` dan it-taghrif ai termini ta` l-artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta (Dok. B);

5. Illi fit-22 ta` Mejju 2017, l-esponenti ntavolat nota fejn hija oggezzjonat ghal tali registrazzjoni minghajr l-ebda raguni valida (Dok. C);

6. Illi stante mhuwiex minnu li l-missier tat-tewmin “mhux maghruf”, segwe li d-dettalji mnizzla fic-certifikat tat-twelid tal-minuri N u W D, ma` jirriflettux il-verita`;

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

8. Illi stante li l-partijiet jitkellmu bil-linwa Ingliza, dan ir-rikors guramentat qieghed jigi pprezentat kemm bil-lingwa Maltija u kemm bil-lingwa Ingliza;

Talab ghar-ragunijiet fuq premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. tiddikjara u tiddeciedi illi  l-imsemmija minuri N u W D huma l-ulied naturali  tar-rikorrenti u konsegwentament li r-rikorrenti A NB huwa missier iz-zewg minuri, okkorrendo

bin-nomina ta` esperti medici necessarji sabiex jsiru testijiet tad-DNA;

2. tiddikjara li l-anness certifikati tat-twelid tal-minuri N u W D, li jgibu n-numru ta` l-iskrizzjoni 6484/2016 u 6483/2016 rispettivament, m’humiex veritieri u ghalhek ghandhom jigu mibdula u ghalhekk id-dettalji kollha relattivi ghar-rikorrenti jitnizzlu kull fejn hemm l-htiega li jigi indikat “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier”.

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikati tat-twelid hawn fuq indikati sabiex ic-certifikati jirrispekkjaw l-identita` tal-missier, u dan fl-ahjar interess ta` l-istess minuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha eccepixxa: (fol. 19a)

1. Illi preliminarjament u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li hi mhijiex edotta mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

2. Illi stante s-suespost, l-esponenti tirrimetti ruħha għar-riżultanzi istruttorji u umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**, sabiex jiġi vverifikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tat-tewmin N u W D;

3. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet dedotti tar-rikorrent minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti tistieden lir-rikorrent sabiex permezz ta' nota jipprezenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament is-segwenti: (1) In-numru tal-karta tal-Identita', (2) ismu u kunjomu, (3) l-età tiegħu meta twieldu l-minuri N u W D, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldu t-tewmin, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldu N u W D. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri N u W D;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom ukoll jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandhom jassumu t-tewmin N u W D u dan a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti u kwindi hija m'għandhiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Maria Tomenchuck, li *in forza* taghha eccepiet: (fol. 23)

1. Illi primarjament l-attur qatt ma wera l-ebda interess fil-minuri lanqas fl-esponenti meta hija kienet tqila u ghaldaqstant ma tistax tifhem ir-raguni ghaliex huwa intavola l-proceduri f'dan l-istadju;

2. Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-attur huwa bniedem li qeghed hawn Malta irregolari u kellu anke problemi mal-awtoritajiet u ghaldaqstant l-esponenti taf ben tajjeb li l-intenzjoni tal-attur hija li huwa jtawwal kemm jista' ir-residenza tieghu hawn Malta u mhux ghaliex ghandu xi interess partikolari fil-minuri;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess l-attur qatt ma wera ix-xewqa li jghin lil konvenuta fit-trobbija ghal minuri u jidher li s'issa m'ghandu ebda impieg fiss u ma jistax jikkontribwixxi ghat-trobbija tal-minuri;

4. Salv eccezzjoni ulterjuri.

Ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti titlob li t-talbiet attrici jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur li huwa minn issa ingunt in subbizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta Maria Tomenchuck;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Rat l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili[1].

Rat id-dokumenti kollha esebiti inkluż l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar[2] li miegħu hemm anness ir-rapport xjentifiku tad-DNA minnha stess redatt;

Rat illi l-attur ottempera ruħu mal-provvedimenti tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili u permezz tal-ittra uffiċjali nnumerata disgħa u ħamsin tas-sena elfejn u sbatax (59/17)[3] huwa nforma lill-

---

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[2] Fol. 31 bir-rapport xjentifiku anness miegħu

[3] Kopja legali tinsab esebita fol. 11

konvenuta bil-ħsieb tiegħu li jirrikonoxxi lill-minuri N u W bħala uliedu. Rat illi l-konvenuta C D oġġezzjonat għar-reġistrazzjoni tal-minuri bħala ulied l-attur[4].

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex jingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur jitlob illi huwa jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri N u W tewmin imwielda lill-konvenuta C D, fit-3 ta' Novembru 2016[5]. Sal-lum, dawn il-minuri huma ddikjarati bħala ulied missier mhux magħruf u jġorru il-kunjom tal-omm, ossia D.

Illi l-Qorti dejjem irritjeniet li l-prova reġina f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern, ikkonfermaw li l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri N u W. Illi l-Qorti tista' tiddependi fuq il-provi ġenetiċi mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-intimata possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-attur, fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri tewmin.

Fil-każ odjern, jirriżulta mill-istess testijiet ġenetiċi illi effettivament il-minuri N u W D huma l-ulied naturali u bijoloġiċi tal-attur A B. It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar il-paternita` tal-minuri. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li N u W D huma l-ulied naturali u bijoloġiċi tal-attur A B. Fil-fatt, l-esperta Dr. Marisa Cassar ikkonfermat illi *"Mit-testijiet li għamilt irriżulta illi A B Passport Number FC472812 hu l-missier naturali ta' Monica u Anthony Tomenchu D.O.B. 03.11.2016."* Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet tal-attur.

---

[4] Kopja tan-nota minnha ppreżentata fl-atti tal-ittra uffiċjali esebita fol. 12

[5] Id-data tat-twelid tirriżulta miċ-ċertifikati tat-twelid esebiti fol. 9 u 10.

Rat illi d-dettalji tal-attur A B kif mitluba mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku huma s-segwenti[6]:

1. Isem u kunjom: A B
2. Id-dokument tal-identita`: 453582(M)[7]
3. L-eta` tiegħu meta twieled il-minuri: disgħa u għoxrin (29) sena
4. Il-post tat-twelid ta' Clayton Delia: Pieta`, Ukrajna
5. Il-post tar-residenza tiegħu meta twieled il-minuri: Paola (Raħal Ġdid)
6. Isem u kunjom missieru: Carmelo Delia
7. Jekk il-missier patern kienx ħaj jew mejjet meta twieled il-minuri: Ħaj

Illi dwar il-kunjom tal-minuri, il-Qorti tirreferi għall-Artikolu relattiv fil-Kodiċi Ċivili[8] illi jistipula:

***92.** (1) Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, jekk ikun ġie magħruf b'ibnu mill-missier, jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista' jżid kunjom l-omm, diversament, jieħu kunjom l-omm:*

*-omissis-*

*Iżda wkoll, jekk ir-rikonoxximent jintalab li jsir permezz ta' talba ġudizzjarja quddiem il-Qorti kompetenti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso, it-talba opportuna sabiex wara kunjom il-missier jiġi miżjud kunjom l-omm għandha ssir lill-Qorti f'kull ħin qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Fin-nuqqas ta' dik it-talba t-tifel jieħu kunjom il-missier:*

---

[6] Dawna jirriżultaw mill-kopja tal-passaport tal-attur esebita fol. 33 u mix-xhieda tal-attur mogħtija quddiem il-Qorti nhar il-Ħamis 22 ta' Frar 2018, fol. 25.

[7] Kopja tal-karta tal-identita` tinsab esebita fol. 21

[8] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Billi l-partijiet ma qablux dwar il-kunjom li għandhom jassumu l-minuri, il-Qorti permezz ta’ digriet tagħha tal-21 ta’ Frar 2018, ordnat illi l-minuri jkunu magħrufa bil-kunjom tal-missier li magħhom ikun miżjud il-kunjom tal-omm u għalhekk ikunu magħrufa bħala B D.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta C D u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku skont is-segwenti:

1. Tilqa’ l-ewwel talba attriċi u konsegwentement tiddikjara illi l-minuri N u W imwielda fit-3 ta’ Novembru 2016 minn C D, huma l-ulied naturali tal-attur A B;

2. Tilqa’ t-tieni talba attriċi u tiddikjara illi ċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri N u W D, li jġibu n-numri tal-iskrizzjoni 6484/2016 u 6483/2016 rispettivament, m’humiex veritieri. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-atti tat-twelid relattivi għall-minuri N u W, huwa jikkanċella l-kliem ‘unknown father’ u minflok jitniżżlu l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur A B, kif jirriżultaw aktar ’il quddiem f’din is-sentenza;

3. Tilqa’ t-tielet talba attriċi;

4. Tordna illi l-minuri jsiru magħrufa bil-kunjom B D. Għaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 92(6) tal-Kodiċi Ċivili Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku iniżżel annotazzjoni ta’ din id-deċiżjoni fuq l-atti tat-twelid tal-minuri.

Bl-ispejjeż, inkluż tat-testijiet ġenetiċi redatti minn Dr. Marisa Cassar u esebiti f'din il-kawża, u wkoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, innumerata 59/2017, kontra l-konvenuta C D.